MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Numru. 678/2004

PULIZIJA
SPETTUR ROLAND CASSAR
VS
JOSEPH GAUCI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Gauci ta’ 28 sena iben George u Ireme nee Bonnici imwieled Pieta fl-20 ta’ Lulju 1976 u resdenti fil-fond 3, Triq Sawra Marsa detentur tal-karta tal-identita bin-numru 373876M talli fl-20 t’Awissu 2004 fl-isptar San Luqa volontarjament ngurja jew hedded Il Nazzarena Muscat (Enroled Nurse) persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel dan is-servizz.

Talli fl-istess hin lok u cirkostanzi volontarjament ingurja jew hedded lil Michael Pirotta persuna inkagirata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt l kienet qed taghmel dan is-servizz.

Talli fl-istess hin lok u cirkostanzi qal kliem oxxen jew indiecenti jew offenda il-morali bl-imgieba xierqa fil-pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja. .

Rat il-verbal tad-29 t'Ottubru 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 339 (1) ( c ), Art 338(bb) u Art 342 tal-kap 9 tikkundannah ghal multa ta' Lm100 li ghandha tithallas b'rati mensili fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------